

Brussell, 22 ta' Settembru 2025
(OR. en)

12491/25

Fajl Interistituzzjonali:
2025/0269(NLE)

ECOFIN 1126
UEM 424
FIN 1026
ECB

ATTI LEĠIŻLATTIVI U STRUMENTI OĦRA

Suġġett: DEĊIŻJONI TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUNSILL li temenda d-
Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tat-13 ta' Lulju 2021 dwar l-approvazzjoni
tal-valutazzjoni tal-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza għall-Portugall

DEĊIŻJONI TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUNSILL

ta' ...

**li temenda d-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tat-13 ta' Lulju 2021
dwar l-approvazzjoni tal-valutazzjoni tal-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza għall-Portugall**

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidra r-Regolament (UE) 2021/241 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta' Frar 2021 li jstabbilixxi l-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza¹, u b'mod partikolari l-Artikolu 20(1) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni Ewropea,

Commented [DQC1]: Error:
Footnote contains multiple white space
[Show more ...](#)

¹ ĠU L 57, 18.2.2021, p. 17, ELI: <http://data.europa.eu/eli/reg/2021/241/oj>.

Billi:

- (1) Wara l-preżentazzjoni tal-pjan nazzjonali għall-irkupru u r-reżiljenza (“RRP”) tal-Portugall fit-22 ta’ April 2021, il-Kummissjoni pproponiet li l-Kunsill jagħtih valutazzjoni pożittiva. Fit-13 ta’ Lulju 2021, il-Kunsill approva l-valutazzjoni pożittiva permezz ta’ deċiżjoni ta’ implimentazzjoni² (“id-Deċiżjoni ta’ Implimentazzjoni tal-Kunsill tat-13 ta’ Lulju 2021”). Id-Deċiżjoni ta’ Implimentazzjoni tal-Kunsill tat-13 ta’ Lulju 2021 ġiet emendata mid-Deċiżjonijiet ta’ Implimentazzjoni tal-Kunsill tas-17 ta’ Ottubru 2023³, tat-8 ta’ Ottubru 2024⁴ u tat-13 ta’ Mejju 2025⁵.
- (2) Fit-18 ta’ Lulju 2025, il-Portugall għamel talba motivata lill-Kummissjoni biex tressaq proposta li temenda d-Deċiżjoni ta’ Implimentazzjoni tal-Kunsill tat-13 ta’ Lulju 2021 f’konformità mal-Artikolu 21(1) tar-Regolament (UE) 2021/241 għar-raġuni li l-RRP ma għadux jista’ jinkiseb kompletament minħabba ċirkostanzi oġġettivi. Abbażi ta’ dan, il-Portugall ippreżenta RRP emendat.

Emendi bbażati fuq l-Artikolu 21 tar-Regolament (UE) 2021/241

- (3) L-emendi għall-RRP ippreżentati mill-Portugall minħabba ċirkostanzi oġġettivi jikkonċernaw 20 miżura.

² Ara d-dokumenti ST 10149/21 u ST 10149/21 ADD 1 REV 1 fuq <http://register.consilium.europa.eu>.

³ Ara d-dokumenti ST 13351/23 u ST 13351/23 ADD 1 REV 1 fuq <http://register.consilium.europa.eu>.

⁴ Ara d-dokumenti ST 13497/24 u ST 13497/24 ADD 1 fuq <http://register.consilium.europa.eu>.

⁵ Ara d-dokumenti ST 8055/25 u ST 8055/25 ADD 1 fuq <http://register.consilium.europa.eu>.

- (4) Il-Portugall spjega li ġew emendati 20 miżura biex jiġu implimentati alternattivi aħjar li jippermettu li l-piż amministrattiv jitnaqqas filwaqt li xorta jintlaħqu dawk l-oġettivi ta' dawk il-miżuri. Dan jikkonċerna l-mira 1.37 tal-miżura C01-i08-RAA (l-Isptar Diġitali fl-Azores), il-mira 1.42 tal-miżura C01-i10 (il-Programm ta' Modernizzazzjoni tat-Teknoloġija tal-NHS) u l-mira 1.10 tal-miżura C01-r03 (Tlestija tar-riforma tal-mudell ta' governanza tal-isptarijiet pubbliċi), kollha taħt il-komponent C01 (Servizz Nazzjonali tas-Saħħa); il-mira 3.2 tal-miżura C03-i01 (Ġenerazzjoni ġdida ta' tagħmir u risponsi soċjali), u l-istadju importanti 3.18 tal-miżura C03-i05 (Pjattaforma + Aċċess), taħt il-komponent C03 (Risposti Soċjali); l-istadji importanti 5.37 u 5.38 tal-miżura C05-i08 (Xjenza Aktar Diġitali) taħt il-komponent C05 (Investiment u Innovazzjoni); il-mira 6.5 tal-miżura C06-i02 (Impenn għal Impjiegi Sostenibbli), l-istadju importanti 6.24 tal-miżura C06-i07 (Aktar impuls diġitali), u l-istadji importanti 6.17 u 6.18 tal-miżura C06-r18 (Il-ġlieda kontra l-inugwaljanza bejn in-nisa u l-irġiel), kollha taħt il-komponent C06 (Kwalifiki u Ħiliet); il-mira 7.2 tal-miżura C07-i00 (Estensjoni tan-network tal-iċċarġjar tal-vetturi elettriċi) taħt il-komponent C07 (Infrastruttura); il-mira 8.13 tal-investiment C08-i05 (Programm Aktar Forestrija) taħt il-komponent C08 (Foresti); l-istadju importanti 14.4 u l-mira 14.6 tal-miżura C14-i02-RAM (Potenzjazzjoni tal-elettriku rinnovabbli fl-Arċipelagu ta' Madeira) taħt il-komponent C14 (Idroġenu u Rinnovabbli); l-istadju importanti 17.10 u l-mira 17.12 tal-miżura C17-i01 (Sistemi ta' Informazzjoni dwar il-Ġestjoni Finanzjarja Pubblika) u l-istadju importanti 17.5 tal-miżura C17-r32 (Modernizzazzjoni u Simplifikazzjoni tal-Ġestjoni Finanzjarja Pubblika), kollha taħt il-komponent C17 (Kwalità u Sostenibbiltà tal-Finanzi Pubbliċi); l-istadju importanti 19.28 tal-miżura C19-i05-RAM (Tranżizzjoni diġitali tal-amministrazzjoni pubblika ta' Madeira) taħt il-komponent C19 (Amministrazzjoni Pubblika Diġitali); il-miri 20.4, 20.5 u 20.7 tal-miżura C20-i01 (Tranżizzjoni diġitali fl-edukazzjoni) u l-mira 20.15 tal-miżura C20-i03-RAM (Aċċellerazzjoni tad-diġitalizzazzjoni tal-edukazzjoni ARM), kollha taħt il-komponent C20 (Skola Diġitali); u l-istadju importanti 21.42 tal-miżura C21-i16 (Funicular ta' Nazaré), il-mira 21.10 tal-miżura C21-r44 (L-iżvilupp ta' punti uniċi ta' servizz għall-effiċjenza enerġetika għaċ-ċittadini (Spazji tal-Enerġija taċ-Ċittadini)), u l-miri 21.14 u 21.15 tal-miżura C21-r45 (Ħiliet Ekoloġiċi), kollha taħt il-komponent C21 (REPowerEU).

Barra minn hekk, il-Portugall talab li d-deskrizzjonijiet tal-miżuri li ġejjin jiġu emendati: miżura C01-i08-RAA (l-Isptar Diġitali fl-Azores) u l-miżura C01-r03 (Tlestija tar-riforma tal-mudell ta' governanza tal-isptarijiet pubbliċi), it-tnejn taħt il-komponent C01 (Servizz Nazzjonali tas-Saħħa); il-miżura C03-i01 (Ġenerazzjoni ġdida ta' tagħmir u risponsi soċjali) u l-miżura C03-i05 (Pjattaforma + Aċċess), it-tnejn taħt il-komponent C03 (Risposti Soċjali); il-miżura C05-i08 (Xjenza Aktar Diġitali) taħt il-komponent C05 (Investiment u Innovazzjoni); il-miżura C06-i02 (Impenn għal Impjiegi Sostenibbli), il-miżura C06-i07 (Aktar impuls diġitali) u l-miżura C06-r18 (Ġlieda kontra l-inugwaljanza bejn in-nisa u l-irġiel), kollha taħt il-komponent C06 (Kwalifiki u Ħiliet); il-miżura C07-i00 (Estensjoni tan-network tal-iċċarġjar tal-vetturi elettriċi) taħt il-komponent C07 (Infrastruttura); il-miżura C08-i05 (Programm Aktar Foresti) taħt il-komponent C08 (Foresti); il-miżura C14-i02-RAM (Potenzjazzjoni tal-elettriku rinnovabbli fl-Arċipelagu ta' Madeira) taħt il-komponent C14 (Idroġenu u Rinnovabbli); deskrizzjoni tal-miżura C17-i01 (Sistemi ta' Informazzjoni dwar il-Ġestjoni Finanzjarja Pubblika) u l-miżura C17-r32 (Modernizzazzjoni u Simplifikazzjoni tal-Ġestjoni Finanzjarja Pubblika), it-tnejn taħt il-komponent C17 (Kwalità u Sostenibbiltà tal-Finanzi Pubbliċi); il-miżura C19-i05-RAM (Tranżizzjoni diġitali tal-amministrazzjoni pubblika ta' Madeira) taħt il-komponent C19 (Amministrazzjoni Pubblika Diġitali); il-miżura C20-i01 (Tranżizzjoni diġitali fl-educazzjoni) taħt il-komponent C20 (Skola Diġitali); u l-miżura C21-i16 (Nazaré Funicular), l-miżura C21-r44 (Żvilupp ta' punti uniċi ta' servizz għall-effiċjenza enerġetika għaċ-ċittadini (Spazji tal-Enerġija taċ-Ċittadini)) u l-miżura C21-r45 (Ħiliet Ekoloġiċi), kollha taħt il-komponent C21 (REPowerEU). Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill tat-13 ta' Lulju 2021 jenħtieġ li tiġi emendata skont dan.

- (5) Il-Kummissjoni tqis li r-raġunijiet ippreżentati mill-Portugall jiġġustifikaw l-emendi skont l-Artikolu 21(2) tar-Regolament (UE) 2021/241. Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill tat-13 ta' Lulju 2021 jenħtieġ li tiġi emendata kif xieraq.

Korrezzjonijiet ta' żbalji klerikali

- (6) Ġie identifikat żball klerikali wieħed fit-test tad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill tat-13 ta' Lulju 2021, li jaffettwa stadju importanti wieħed u miri waħda taħt komponent wieħed. Jenħtieġ li d-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill tat-13 ta' Lulju 2021 tiġi emendata biex tikkoreġi dak l-iżball klerikali li ma jirriflettix il-kontenut tal-RRP ippreżentat lill-Kummissjoni fit-22 ta' April 2021, kif maqbul bejn il-Kummissjoni u l-Portugall. Dak l-iżball klerikali huwa relatat mal-istadju importanti 21.38 tal-miżura C21-i14 (Tranżitu Rapidu Bus Braga) taħt il-komponent C21 (REPowerEU). Dik il-korrezzjoni ma taffettwax l-implimentazzjoni tal-miżura kkonċernata.

Il-valutazzjoni tal-Kummissjoni

- (7) Il-Kummissjoni vvalutat l-RRP emendat skont il-kriterji ta' valutazzjoni stabbiliti fl-Artikolu 19(3) tar-Regolament (UE) 2021/241.
- (8) Il-Kummissjoni tqis li l-emendi mressqa mill-Portugall ma jaffettwawx il-valutazzjoni pożittiva tal-RRP stabbilita fid-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill tat-13 ta' Lulju 2021 rigward ir-rilevanza, l-effettività, l-effiċjenza u l-koerenza tal-RRP mal-kriterji ta' valutazzjoni stabbiliti fl-Artikolu 19(3) tar-Regolament (UE) 2021/241.

Valutazzjoni pożittiva

- (9) Wara l-valutazzjoni pożittiva mill-Kummissjoni tal-RRP emendat meta nstab li l-RRP jikkonforma b'mod sodisfaċenti mal-kriterji għall-valutazzjoni stabbiliti fir-Regolament (UE) 2021/241, f'konformità mal-Artikolu 20(2) u mal-Anness V ta' dak ir-Regolament, jenħtieġ li jiġu stabbiliti r-riformi u l-proġetti ta' investiment meħtieġa għall-implimentazzjoni tal-RRP emendat, l-istadji importanti, il-miri u l-indikaturi rilevanti, u l-ammont disponibbli mill-Unjoni għall-implimentazzjoni tal-RRP emendat f'il-forma ta' appoġġ finanzjarju mhux ripagabbli.

Kontribuzzjoni finanzjarja

- (10) Il-kost totali stmat tal-RRP emendat tal-Portugall huwa ta' EUR 22 215 870 313. Peress li l-ammont tal-kost totali stmat tal-RRP emendat huwa ogħla mill-kontribuzzjoni finanzjarja massima aġġornata disponibbli għall-Portugall, il-kontribuzzjoni finanzjarja ddeterminata f'konformità mal-Artikolu 4a tar-Regolament (UE) 2021/1755 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill⁶ u mal-Artikolu 20(4) u l-Artikolu 21a(6) tar-Regolament (UE) 2021/241 li hija allokata għall-RRP emendat tal-Portugall jenħtieġ li tkun ugwali għall-ammont totali tal-kontribuzzjoni finanzjarja massima disponibbli għall-RRP emendat tal-Portugall. Dan l-ammont huwa ta' EUR 16 325 113 960. Għaldaqstant, il-kontribuzzjoni finanzjarja disponibbli għall-Portugall tibqa' l-istess.

⁶ Ir-Regolament (UE) 2021/1755 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-6 ta' Ottubru 2021 li jistabbilixxi r-Riżerva ta' Aġġustament għall-Brexit (ĠU L 357, 8.10.2021, p. 1, ELI: <http://data.europa.eu/eli/reg/2021/1755/oj>).

Self

- (11) L-appoġġ fil-forma ta' self disponibbli għall-Portugall li jammonta għal EUR 5 890 756 353 jibqa' l-istess.
- (12) Għalhekk, jenħtieġ li d-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill tat-13 ta' Lulju 2021 tiġi emendata kif xieraq. Għal raġunijiet ta' ċarezza, jenħtieġ li l-Anness tad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill tat-13 ta' Lulju 2021 jiġi sostitwit kompletament,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill tat-13 ta' Lulju 2021 dwar l-approvazzjoni tal-valutazzjoni tal-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza għall-Portugall hija emendata kif ġej:

- (1) l-Artikolu 1 huwa sostitwit b'dan li ġej:

“Artikolu 1

Approvazzjoni tal-valutazzjoni tal-RRP

Il-valutazzjoni tal-RRP emendat tal-Portugall fuq il-bażi tal-kriterji previsti fl-Artikolu 19(3) tar-Regolament (UE) 2021/241 hija approvata. Ir-riformi u l-proġetti ta' investiment skont l-RRP, l-arranġamenti u l-iskeda ta' żmien għall-monitoraġġ u l-implimentazzjoni tal-RRP, inklużi l-oġettivi intermedji u l-miri rilevanti relatati mal-pagament ta' appoġġ finanzjarju mhux ripagabbli, u l-oġettivi intermedji u l-miri addizzjonali relatati mal-pagament tas-self, l-indikaturi rilevanti relatati mal-issodisfar tal-oġettivi intermedji u l-miri previsti, u l-arranġamenti biex il-Kummissjoni tagħti l-aċċess sħiħ għad-data rilevanti sottostanti huma stabbiliti fl-Anness ta' din id-Deċiżjoni.”;

- (2) l-Anness huwa sostitwit bit-test fl-Anness ta' din id-Deċiżjoni.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lir-Repubblika tal-Portugall.

Magħmul fi ..., ...

Għall-Kunsill

Il-President
